**3 ta' Novembru, 1958**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Dr. A.J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D. President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.,**

**Onor. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.,**

Deċiża fil-meritu mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina b'sentenza tat-3 ta' Awissu 1961.

Avukat Dr. Alberto Ganado

*versus*

Nutar Dr. Giorgio Borg Olivier et. ne.

**Partit Politiku — Rappreżentanza Ġudizzjarja — Kumitat Eżekuttiv — Appell — Intervent fil-Kawża — Kjamata in Kawża.**

*Biex tiġi deċiża kwistjoni nvoluta f'kawża jeħt eġ l-ewwelnett li tiġi preċiżata d-domanda kontenuta fiċ-ċitazzjoni; għax huwa minn dik id-domanda li joħroġ l-istat kontrovers li jifforma l-oġġett tal-kawża.*

*Jekk wieħed hu membru ta' partit politiku u tal-Kumitat Eżekuttiv ta' dak il-partit u ssir seduta ta' dak il-Kumitat fejn jiġi dikjarat li dak il-bniedem ma għadux jifforma parti minn dak il-Kumitat u mill-istess partit, u hu jagħmel talba biex jiġi mill-Qorti dikjarat u deċiż li dik is-seduta kienet illegali, u illi d-deċiżjoni hekk meħuda kontra tiegħu hi nulla u bla ebda effett, u li kwindi hu għadu jifforma parti tant minn dak il-Kumitat kemm mill-istess partit, it-termini tad-domanda tiegħu ma jħallux ebda dubju illi r-rapport ġuridiku li jifforma s-sostrat tal-azzjoni tiegħu jeżisti bejnu u bejn l-imsemmi Kumitat u partit.*

*Għax il-leżjoni ta' dritt li l-attur jilmenta minnha saret, kif jasserixxi hu, minn dak il-Kumitat, u hu preċiżament kontra l-istess Kumitat bħala korp u l-partit li l-attur qiegħed jitlob li jiġi rikonoxxut u reintegrat id-dritt affermat minnu. U jekk il-persuni minnu mħarrka bħala kontradittturi tad-domanda tiegħu huma r-rappreżentanti leġittimi tal-Kumitat u tal-partit għall-finijiet ġudizzjarji skond l-ista-*

*tut tal-partit, huwa ċar illi l-istess konvenuti huma l-leġittimi kontraditturi tal-attur; u kwindi l-ġudizzju ġie istitwit tajjeb kontra tagħhom, u ma hemmx in-nullità akkampata fl-eċċezzjonijiet tagħhom fis-sens li l-ġudizzju mhux integru għax messhom ġew konvenuti persuni oħra li ħadu parti f'dik is-seduta tal-Kumitat meta ma kellhomx dritt jieħdu parti u jivvutaw f'dik is-seduta billi kienu ddekadew minn dak id-dritt.*

*Għax il-kwistjoni prinċipali hi dik tan-nullità tas-seduta u tad-deċiżjoni meħuda fiha fil-konfront tal-Kumitat leġittimament rappreżentat mill-konvenuti; u l-kwistjoni li fis-seduta ħadu parti xi persuni li ma setgħux jintervjenu fiha hija inċidentali, u l-Qorti tal-meritu tkun trid teżaminaha; mhux biex tiddeċidi dwarha, imma biex tkun tista' tasal biex tippronunzja ruħha fuq il-kwistjoni prinċipali.*

*L-interess li jista' kollhom dawk il-persuni f'dik il-kwistjoni inċidentali ma jfissierx illi mingħajr iċ-ċitazzjoni tagħhom mill-bidu l-ġudizzju sar ħażin, ladarba l-partijiet litiganti fil-fatt huma kif kellhom ikunu, dawk li bejniethom avvera ruħu l-veru u preti̇ż rapport ġuridiku. Ebda vinkolu jew rapport ġuridiku ma kellu l-attur mal-membri individwali tal-Kumitat.*

*Għalhekk l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' integrità tal-ġudizzju f'każ sim li mogħtija mill-konvenuti, mhix sostenibbli; u jekk il-kawża tgħaddi f'sede tal-appell, il-kwistjoni jekk il-membri l-oħra tal-Kumitat jistgħux jintervjenu, jew fuq talba tal-konvenuti, jew fuq ordni tal-Qorti, jiġu msejħin fil-kawża, mhijiex quddiem il-Qorti.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u mogħtija l-provvedimenti kollha opportuni, premess li l-Kumitat Eżekuttiv tal-Partit Nazzjonalista żamm seduta fit-22 ta' Mejju 1958, li fiha ħa deċiżjoni li biha nnota u ddelibera li l-attur ma għadux jifforma parti mill-Kumitat Eżekuttiv tal-Partit Nazzjonalista u mill-Partit Nazzjonalista; u premess li l-attur ma ddimettiex, u lanqas ma hemm ebda kawża oħra ta' dekadenza tiegħu minn membru

tal-Kumitat Eżekuttiv jew tal-Partit Nazzjonalista; u premess li l-attur ma ġiex imkeċċi mill-Partit Nazzjonalista skond it-termini tal-Istatut tal-istess Partit, u b'mod partikulari tal-art. 6 tal-Istattut, kif jirriżulta fit-trattazzjoni tal-kawża; u premess li fl-imsemmija seduta tal-Kumitat Eżekuttiv ħadu parti, u anki vvutaw fl-imsemmija deċiżjoni, diversi mill-membri eletti fl-interess nazzjonali għall-Assemblea Leġislattiva fis-sena 1955; u premess li dawn il-membri kienu ddekadew minn membri tal-Kumitat Eżekuttiv billi fl-24 ta' April 1958 ġiet xjolta mill-Gvernatur, per mezz ta' Proklama, l-Assemblea Leġislattiva, u għalhekk is-seduta tal-Kumitat Eżekuttiv tat-22 ta' Mejju 1958 ġiet konvokata u saret kontra t-termini tal-Istatut tal-Partit; u peress li għar-raġunijiet hawn indikati s-seduta tat-22 ta' Mejju 1958 tal-Kumitat Eżekuttiv saret illegalment, u d-deċiżjoni ta' l-istess Eżekuttiv fuq imsemmija hija nulla u bla ebda effett; talab li jiġi dikjarat u deċiż illi s-seduta tal-Kumitat Eżekuttiv tat-22 ta' Mejju 1958 hija illegali, u illi d-deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv meħuda kontra l-attur fis-seduta msemmija hi nulla u bla beda effett għal din ir-raġuni u r-raġunijiet l-oħra premessi, u illi l-attur għadu jifforma parti kemm mill-Kumitat Eżekuttiv tal-Partit Nazzjonalista u kemm mill-istess Partit Nazzjonalista. Bl-ispejjeż;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet, li biha l-konvenuti opponew, "inter alia, illi l-ġudizzju mhuwiex integru, peress li t-talba messha saret ukoll in kontestazzjoni tal-membri eletti individwalment; il-konvenuti nomine mhumiex il-persuni leġittimi biex jirrappreżentaw dawn il-membri eletti individwalment; il-konvenuti talbu il-liberazzjoni tagħhom "ab observantia";

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti, tas-16 ta' Ġunju 1958, li biha ġie dikjarat illi l-ġudizzju hu integru, u preliminarment irrespinġiet l-eċċezzjoni fuq imsemmija, u ordnat li l-kawża titkompla; wara li kkunsidrat;

L-attur jibbaża t-talba tiegħu fuq il-kawżali (1) li huwa ma ddimettiex minn membru tal-Kumitat Eżekuttiv jew tal-Partit Nazzjonalista, u li ma hemm ebda kawża oħra tad-dekadenza tiegħu minn membru tal-istess Kumi-

tat u Partit; (2) li ma ġiex imkeċċi mill-Partit Nazzjonalista fit-termini tal-Istatut relattiv; (3) li fis-seduta msemmija fiċ-ċitazzjoni tal-Kumitat Eżekuttiv, ħadu parti, u anki vvutaw, membri eletti fl-interess nazzjonali għall-Assemblea Leġislattiva fis-sena 1955, meta huma kienu ddekadew minn membri tal-Kumitat Eżekuttiv billi fl-24 ta' April 1958 kienet ġiet xjolta mill-Gvernatur l-Assemblea Leġislattiva; u għalhekk is-seduta tat-22 ta' Mejju 1958, tal-Kumitat Eżekuttiv, ġiet konvokata u saret kontra t-termini tal-Istatut tal-Partit, u hija nulla u bla ebda effett;

Ma hemmx kuntrast bejn il-kontendenti illi l-konvenuti huma rispettivament President, Segretarju u Teżorier tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Partit Nazzjonalista;

Jidher mill-Istatut tal-Partit Nazzjonalista (dok. B) illi dan il-Partit jikkostitwixxi assoċjazzjoni li għandha bħala skop dak li hemm indikat fl-art. 2 tal-istess Statut, u li hija komposta minn diversi "organizzazzjonijiet" imsemmija fl-art. 8, fosthom il-Kumitat Eżekuttiv. Dan il-Kumitat huwa l-korp li jiddiriġi l-Partit (art. 28), salvi l-funzjonijiet tal-organizzazzjoni l-oħra msejħa l-Kungress tal-Partit;

Jagħmlu parti minn dan il-Kumitat il-membri eletti; u skond l-art. 16, jekk in-numru ta' dawn il-membri (barra mill-Kap tal-Partit) ikunu aktar minn tnax, tnax biss ikollhom dritt li jiffurmaw parti mill-Kumitat Eżekuttiv, kif magħżula mill-grupp tal-membri eletti; u dawk li ma jkunux magħżula jkollhom id-dritt li jattendu għas-seduti, mingħajr però ma jistgħu jivvutaw;

Taħt l-art. 18, ir-rappreżentanza ġudizzjarja hija fdata lill-President, is-Segretarju u t-Teżorier flimkien; u skond l-art. 3, jistgħu jkunu msieħbin mal-Partit dawk kollha li jaċċettaw l-Istatut u d-dixxiplina tal-Partit;

Il-konvenuti ġew ċitati in rappreżentanza tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Partit Nazzjonalista, u anki tal-istess Partit;

Ġie deċiż minn dawn it-Tribunali ("Peter Bugelli vs. Onor. Ugo P. Mifsud ne.", Vol. XXVI-I-571) illi:— "Qualunque corpo costituito o società che abbia un comitato o corpo di direzione non può essere rappresentato in giudizio, per ciò che si attiene all'interesse di tutto il corpo o della società, fuorchè dal comitato di direzione, a meno che non venga, o dallo statuto sociale, o da una deliberazione dei soci o del comitato, demandata la rappresentenza giudiziale a uno o più determinati membri; se un comitato di direzione non c'è, la rappresentenza giudiziale spetta a tutti i soci, se non l'hanno delegata ad alcuno in particolare.";

F'din il-materja, Mortara jikkommenta hekk (Commentario, Vol. 2, p. 117):— "Uno statuto od atto di costituzione di società civile o di associazione lecita è sempre un contratto; sia esso accettato col voto che si dà per la sua approvazione, sia con adesione posteriore, tale contratto non muta. Ora, è permesso a chiunque, nel partecipare ad una di queste collettività, conferire incarico o mandato ad altri, socio o non socio, di dirigere l'impresa comune, di rappresentare presso i terzi tutti i singoli parteċipanti, di stare in giudizio nel nome o nella rappresentenza di tutti . . . . " L-istess awtur jikkonkjudi (ibid. p. 718):— "Quand'anche la facoltà stessa esista, e la rappresentanza giudiziale non dia luogo a nessun dubio, le sorti della lite ricadono a favor o a carico dei singoli soci od associati come altrettanti mandanti, cioè come altrettante parti in causa, appunto perchè non può sorgere dal semplice conferimento di un mandato, nè una limitazione di responsabilità del mandante, nè tanto meno la creazione di un ente o soggetto giuridico, distinti dalle persone dei soci che rilasciarono il mandato";

L-attur qiegħed jimpunja l-validità tas-seduta tat-22 ta' Mejju 1958, tal-Kumitat Eżekuttiv, in vista tad-deċiżjoni meħuda dak inhar mill-istess Kumitat, kif l-attur jallega, li biha nnota u ddelibera li l-attur ma għadux jifforma parti mill-Kumitat Eżekuttiv tal-Partit Nazzjonalista u mill-Partit Nazzjonalista. U huwa fil-konfronti ta' dik id-deċiżjoni li l-attur qiegħed jimpunja li huwa jallega li ma ddimettiex minn membru tal-Eżekuttiv tal-Partit Nazzjo-

nalista, u li ma ddekadiex, u illi lanqas ma ġie mkeċċi mill-Partit skond l-Istatut. Hekk, għalkemm f'dil-kawża hija nvoluta, kif proposta mill-attur, il-kwistjoni tal-"locus standi" ta' x'uħud mill-membri tal-Kumitat Eżekuttiv, hija d-deċiżjoni ta' dan il-Kumitat, bħala korp, li l-attur qiegħed jimpunja. It-termini tal-kwistjoni .huma, għalhekk, minn naħa waħda dik id-deċiżjoni, u minn naħa l-oħra d-dispożizzjonijiet tal-Istatut. L-eżami ta' din il-kwistjoni jinvolvi l-indaġini fuq l-allegata dekadenza ta' x'uħud mill-parteċipanti fl-imsemmija seduta. Hekk, però, ir-relazzjoni ġuridika f'dil-kawża hija bejn l-attur u l-Kumitat Eżekuttiv bħala organu ta' direzzjoni tal-Partit Nazzjonalista, għal dak li jirrigwarda deliberazzjoni tal-istess Kumitat fil-konfronti tal-attur;

Fuq din ir-relazzjoni ġuridika ċ-ċitazzjoni ġiet sewwa proposta fil-kontradittorju tal-konvenuti in rappreżentanza tal-Kumitat Eżekuttiv u tal-Partit Nażżjonalista; għax b'dispożizzjoni espressa tal-Istatut ir-rappreżentanza ġudizzjarja tal-Eżekuttiv u tal-Partit ġiet delegata lill-istess konvenuti; liema rappreżentanza tikkomprendi dik ir-relazzjoni ġuridika. Il-konvenuti, mbgħad, jirrappreżentaw ġudizzjalment ukoll lil membri eletti ta' dak il-Kumitat Eżekuttiv, peress li bil-fatt stess li dawn saru membri tal-Partit, huma, skond l-art. 3 tal-Istatut, aċċettaw l-istess Statut tal-Partit bir-rappreżentanza ġudizzjali kif intqal;

Rat in-nota tal-appell tal-konvenuti nomine, u l-petizzjoni tagħhom li biha talbu li s-sentenza appellata tiġi revokata, billi tiġi akkolta l-eċċezzjoni tagħhom bil-konsegwenzjali liberazzjoni tagħhom "ab observantia judicii"; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

It-teżi tal-konvenuti hi din. Waħda mir-raġunijiet li għalihom l-attur jippretendi li d-deċiżjoni tal-Kumitat rappreżentat minnhom hija nulla u illegali hija illi fis-seduta li fiha ttieħdet din id-deċiżjoni ħadu parti u vvutaw xi

membri li kienu ddekadew minn dak il-Kumitat. Dawk il-membri għandhom interess fl-eżitu tal-kawża; għax biex tiġi deċiża *fil-meritu* jeħtieġ li l-Qorti tirriżolvi l-kwistjoni tal-allegata *dekadenza ta' dawk il-membri li s'issa* għad mhumiex fil-kawża, peress illi, bħala individwi, huma mhumiex rappreżentati mill-konvenuti nomine. Għalhekk, jikkonkludu l-konvenuti, il-ġudizzju sar ħażin, billi dawk il-membri kellhom ikunu wkoll konvenuti mill-bidu;

Il-kwistjoni quddiem il-Qorti hija, għalhekk, mhux jekk dawk il-membri bħala nteressati għandhomx id-dritt jitolbu li jintervjenu fil-kawża, jew jekk għandhomx jiġu msejħa fiha, iżda jekk, billi ma ġewx ċitati mill-ewwel, il-ġudizzju huwiex null;

Biex tiġi deċiża din il-kwistjoni jeħtieġ li tiġi l-ewwel-nett preċiżata d-domanda kontenuta fiċ-ċitazzjoni; għax huwa minn dik id-domanda li joħroġ l-istat kontrovers li jifforma l-oġġett tal-kawża;

It-talba tal-attur hija biex jiġi dikjarat u deċiż illi s-seduta tal-Kumitat Eżekuttiv tal-imsemmi Partit tat-22 ta' Mejju 1958 hija *illegali, illi d-deċiżjoni* ta' dak il-Kumitat meħuda kontra l-attur f'dik is-seduta hi nulla u bla ebda effett. u li kwindi l-attur għadu jifforma parti tant minn dak il-Kumitat kemm mill-istess Partit;

It-termini ta' din it-talba ma jħallu ebda dubju illi r-rapport ġuridiku li jifforma s-sostrat tal-azzjoni tal-attur jeżisti bejnu u bejn l-imsemmi Kumitat u Partit. Il-leżjoni ta' dritt li l-attur jilmenta minnha saret, skond kif jasserixxi hu, minn dak il-Kumitat, u hu preċiżament kontra l-istess Kumitat bħala korp u l-partit li l-attur qiegħed jitlob li jiġi rikonoxxut u reintegrat id-dritt affermat minnu;

Issa, "ex concessis", it-tliet konvenuti, fil-kwalità tagħhom indikata, huma r-rappreżentanti leġittimi tal-imsemmija Kumitat u Partit għall-finijiet ġudizzjarji-ħaġa li, del resto, tidher statwita fl-art. 17 tal-Istatut eżibit. Għalhekk huwa ċar illi l-istess konvenuti huma l-leġittimi kontradittURI tal-attur, u kwindi l-ġudizzju ġie istitwit tajjeb, u ma hemmx in-nullità akkampata fl-eċċezzjoni tal-

konvenuti. "Il convenuto", jgħid il-Mortara", "deve essere il contradittore legittimo alla domanda dell'attore, cioè *colui dal quale, volontariamente o non*, proviene l'impedimento, ossia lo stato di violazione del diritto dell'attore (ben s'intende, stando alle asserzioni poste dall'attore a fondamento dell'istanza giudiziale). Solo chi è in questa situazione, o vi appare in vista delle asserzioni dell'attore, può stare contro di lui in giudizio, perchè eventualmente può avere utilità a far respingere l'istanza contenuta nell'azione (Vol. II, p. 604, § 473);

Kif josservaw l-istess konvenuti fin-nota tal-eċċezzjonijiet u *fid-dikjarazzjoni tagħhom*, ebda domanda espressa ma hemm fiċ-ċitazzjoni tal-attur dwar id-dekadenza ta' dawk il-membri; din hi allegata biss fost il-premessi. Issa, għandha ssir distinzjoni bejn dak li jiġi dikjarat merament "per incidens", biex il-Qorti tasal għas-soluzzjoni tal-kwistjoni dedotta "in via principale", u dak li jiġi dikjarat dwar din il-kwistjoni direttament (Mattirolo, Vol. I, p. 837, § 923 nota). Fil-każ preżenti, il-kwistjoni prinċipali hi dik tan-nullità tas-seduta u tad-deċiżjoni meħuda fiha fil-konfront tal-Kumitat leġittimament rappreżentat mill-konvenuti. *Il-kwistjoni tad-dekadenza* ta' xi wħud mill-membri li bħala individwi ħadu sehem f'dik is-seduta hija biss inċidentali, u l-Qorti tal-meritu tkun trid teżaminaha "non per statuire in ordine ad essa, ma solo per poter riuscire a pronunciare sulla quistione principale" (Mattirolo, ibid.). L-interess li dawk il-membri jista' għandhom f'dik il-kwistjoni inċidentali ma jfisserx illi mingħajr iċ-ċitazzjoni tagħhom mill-bidu l-ġudizzju sar ħażin, una volta li l-partijiet litiganti fil-fatt huma, kif kellhom ikunu, "quelle stesse fra cui corse il vero o preteso vincolo giuridico" li jikkostitwixxi l-*oġġett kontrovers*. Ebda vinkolu jew rapport ġuridiku ma kellu l-attur mal-membri individwi tal-Kumitat Eżekuttiv;

Kien intqal fis-sentenza riportata fil-Vol. XVI, p. 117:— "La legge non commina la nullità degli atti del processo per mancanza di citazione di un terzo interessato". Kieku ma kienx hekk, ma kien qatt ikun hemm lok għall-intervent 'in statu et terminis", u għall-kjamata in kawża fuq talba tal-konvenut jew b'ordni tal-Qorti "ex officio";

għax l-intervenjent u l-kjamat fil-kawża jridu jkollhom "interess", u "ex hypothesi" messhom allura kienu parti mill-bidu. Hemm każijiet li fihom il-"litis konsorzju' hu neċessarju; dan jiġri "quando l'azione tende al mutamento di un rapporto u stato giuridico uno"; u allura l-azzjoni ma tistgħax tiġi proposta "se non di fronte a tutti i partecipi del rapporto o stato". Hekk, per eżempju, fil-każ ta' azzjoni ta' diviżjoni, li trid issir fil-kontradittorju tal-koeredi jew kondomini kollha (v. Chiovenda, Ist. di Dir. Civ., Vol. I, p. 157). Iżda l-każ preżenti hu għal kollox differenti; ebda "unità" ta' rapport jew stat ġuridiku ma hemm — fuq il-bażi tal-istanza tal-attur — bejnu minn naħa l-waħda, u l-konvenuti nomine u l-membri individwali mill-parti l-oħra;

Għalhekk, l-eċċezzjoni tal-konvenuti ma hix sostenibbli; u l-appell tagħhom ma jistgħax jiġi milqugħ;

Kif ġa ntqal, il-kwistjoni jekk dawk il-membri jistgħux jintervjenu, jew jistgħux fuq talba tal-konvenuti, jew għandhomx fuq ordni "ex officio" tal-Qorti, jissejħu fil-kawża, mhix qegħdha f'dan l-istadju quddiem il-Qorti;

Għalhekk din il-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell tal-konvenuti nomine, u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-istess konvenuti.